KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 26

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

It-Tnejn 20 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi (onlajn)
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Raymond Lanzon – Kunsillier Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

26.1.2 Il-President informa li s-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa u għal din ir-raġuni huwa nforma lill-membri kif il-Kunsillier, is-Sur Raymon Lanzon, kien preżenti f'isem dan il-Kunsill.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 25 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

26.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi President, is-Sur Max Zammit.

## 26.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Regional Sports Day*

26.3.1 B'referenza għal din l-attività, il-President informa lill-membri kif għal sena oħra din l-attività kienet waħda ta' suċċess. Hu spjega kif sfortunatament hu ma setax ikun preżenti minħabba li kellu mpenn ieħor.

- *Movember*

26.3.2 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-avveniment li huwa skedat li jinżamm nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 ġewwa il-ħabs ta' kordin fejn ser tkun qed issir logħba futball bejn Sindki, Kunsilliera u Staff mir-Reġjun u Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun kontra priġunieri.

- *Prodotti tal-Canabis*

26.3.3 Il-President għamel referenza għal messaġ li hu rċieva mingħand is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, dwar l-artiklu li kien ġie ppublikat fil-gażżetta ta' Malta Today fejn kien hemm spjegat kif ċertu prodotti tal-cannabis qedin jinbiegħu faċilment minn ħwienet u magni.

26.3.4 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti, ġie deċiż li l-President jitlob jiltaqa' mas-Sur Leonid McKay li huwa l-President Eżekuttiv Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Cannabis u naraw jekk is-Sur Fava kellux xi direzzjoni mingħand ECAD dwar dan is-suġġett.

## 26.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

26.3.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 26.4 Reġjun tal-Kultura 2024 – Direttur Artistiku u Logo

26.4.1 B'referenza għal dan it-titlu, il-President irringrazzja lil dawk il-membri li attendew għall-laqgħa ta' introduzzjoni li nżammet mad-Dirtettur Artistiku qabel bdiet din il-laqgħa tar-Reġjun u spjega li ma kellux aktar kummenti xi jżid ma' dak li ntqal f'din il-laqgħa.

26.4.2 Madanakollu s-Sur Chircop żied jgħid kif il-persuna magħżula bħala Direttur Artistiku huwa mimli entużjazmu lejn dan il-proġett u għaldaqstant talab mill-ġdid sabiex il-Kunsilli Lokali jgħatu s-sapport meħtieġ sabiex dan l-entużjażmu ma jintilifx.

## 26.6 Rapporti

26.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport finanzjarju x'jiġi mressaq.

## 26.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

26.7.1 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru 2023, ittieħdet deċiżjoni sabiex il-Maniger tal-Kultura, is-Sa Borg Caruana, titneħħa minn din il-pożizzjoni. Għal din ir-raġuni nħarġet sejħa esterna nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2023. Din is-sejħa ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2023.

26.7.2 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri preżenti mill-ġdid kif is-Sa Borg Caruana baqgħet m'aċċettatx li tiffirma l-kuntratt tal-impjieg minħabba s-salarju, liema salarju kienet infurmata bih mis-sejħa li kienet inħarġet, waqt li nżammet l-intervista u anke fil-kuntratt ta' l-impjieg li kien ingħata lilha ftit ġranet qabel ma' bdiet l-impjieg tagħha mar-Reġjun.

26.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, staqsiet jekk il-bord sabiex jinżammu l-intervisti hux ser jibqà l-istess.

26.7.4 Il-membri preżenti qablu sabiex il-bord għal din is-sejħa jkun kompost mis-Sur Chircop bħala Chairman flimkien mas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, u s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow.

26.7.5 Kien hemm qbil mill-membri sabiex is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, jkunu msejħa fuq il-bord ġaladarba wieħed mill-membri l-oħra ma jkunx jistà jattendi.

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

26.7.6 B'referenza għal din il-pożizzjoni, il-President spjega kif din is-sejħa għalqet nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023 u l-bord kompost minnu flimkien mas-Sur John Pillow u Margaret Baldacchino Cefai, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu nhar l- Erbgħa 15 ta' Novembru 2023 sabiex jinżammu l-intervisti ma' l-applikanti eleġibbli.

26.7.7 Is-Sur Chircop spjega kif il-bord kien qed jirrakomanda lis-Sra Sharon Bajada Stride għal din il-pożizzjoni.

26.7.8 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lis-Sa Bajada Stride b'din id-deċiżjoni.

- *Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 11, FT*

26.7.9 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 1 ta' Novembru 2023 r-Reġistratur tat-Tribunal, is-Sa Lydia Zammit, kienet ressqet l-ittra ta' riżenja minn din il-pożizzjoni. Għal din ir-raġuni, wara li ngħatat l-approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll minn Jobsplus, din is-sejħa inħarġet internament nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2023.

26.7.10 Minħabba l-urġenza fil-pożizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat bil-miktub lil kull min hu kkonċernat u kien hemm l-approvazzjoni sabiex tinħareġ sejħa.

26.7.11 Is-Sur Chircop spjega kif is-sejħa li nħarġet internament ser tagħlaq nhar l-Erbgha 22 ta' Novembru 2023.

26.7.12 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex il-bord għall-intervisti jkun hemm l-istess kif ġie stabbilit għal pożizzjoni ta' l-Uffiċjali Maniġerjali.

26.7.13 *18:25pm – Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, skuża ruħu mill-kamra.*

## 26.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

26.8.1 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa l-1 ta' Novembru 2023 dan ir-Reġjun kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja ta'€288,074.50.

26.8.2 Hu żied jgħid kif waqt laqgħa mad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, ġejna nfurmati li kien hemm żball u nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023, dan ir-Reġjun irċieva pagament ieħor ta' €3,591.50.

- *Kunsill Lokali Birkirkara*

26.8.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex minn skema numru 3/2023 jintużaw fil-Ġnien Fleur De Lys u Ġnien San Alwigi flok Ġnien l-istazzjon. Dan peress li l-pjanijiet ta' uplifting Gnien l-istazzjon.

26.8.4 Il-membri approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

25.8.5 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jinxtraw *play equipment* fil-Ġnien tal-Mirakli, b'total ta' €2,425 (vat eskluż).
Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' San Ġiljan*

26.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex minflok l-arbli li kellhom jsiru ġewwa Triq Charles Sciberras, ser ikun qiegħed isir manutenzjoni fuq bozzoz oħra fil-lokalita'.

26.8.7 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Gzira*

26.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex permezz ta' fondi taħt skema 3/2023 – fl-iskola tal-primarja jsir sampling fl-art; varcities - progett li ser isir fil-librerija bhala zebgħa u kisi; project green – progett li qed isir fi Triq d'Argens LC premises. Minħabba xogholijiet ta' kostuzzzjoni li qed isiru fil-binja Pedestrianisation ġewwa triq ix-xatt.

26.8.9 Il-membri talbi sabiex ikun hemm kjarifikazzjoni dwar din it-talba. Madanakollu, ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-membri dwar din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

26.8.10 Il-President ressaq talba mingħand dan il-Kunsill sabiex proġett li jixtieq iwettaq taħt l-iskema titjib u tisbiħ fil-lokalità f'Wesgħa J.B. Scicluna fejn huwa maħsub li ssir statwa ġdida tal-Madonna taħt it-titlu tal-Għoqiedi skolpita fil-ġebla Maltija mill-artist lokali Joseph Micallef biex tieħu post niċċa li hemm illum peress li m'għandha l-ebda valur storiku. Huwa ppjanat ukoll li ssir titjib u tisbiħ fi *landscaping* mad-dawra tal-monument. Miċ-ċifri li għandu f'idejh il-Kunsill, il-proġett huwa stmat li jlaħħaq 'il fuq minn Eur20k. Ninforma li għad trid tasal l-istima tal-ġebla li tlaħħaq circa Eur1,500.00 filwaqt li l-istima tal-istatwa u l-pedestal huma VAT eskluż. Din it-talba qed titressaq sabiex il-Kunsill Reġjonali Lvant sabiex jikkunsidra aktar din it-talba li hija maħsuba li ssir fis-sena 2024.

26.8.11 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Xbiex*

26.8.12 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex jinżamm tournament tal-futsal nhar is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Diċembru 2023 ġewwa l-padiljun tal-Gżira.

26.8.13 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, spjega aktar fid-dettal il-ħsieb dwar dan it-tournament fejn ser ikun qed jingħaqad magħhom tim tal-futsal li l-Kunsill għandu ġemellaġ diġa miegħu.

26.8.14 Inżammet diskussjoni dwar dan it-tournament bejn il-membri preżenti.

26.8.15 Il-President żied jgħid kif fil-komunikazzjoni mingħand dan il-Kunsill, parti mill-fondi ser jintużaw sabiex inżammet Jum Ta' Xbiex kif ukoll proġetti bil-kollaborazzjoni mal-klabbs.

26.8.16 Is-Sur Chircop żied jgħid kif talba oħra kienet sabiex parti mill-fondi jintużaw sabiex isir xogħol ta' bankini u jitpoġġew barriers għas-sigurtà.

26.8.17 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet.

26.8.18 *19:00 – is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, talab sabiex jiġu skużat mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.*

- *Kunsill Lokali Swieqi*

26.8.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi 'Proġetti Kulturali, Jum il-Lokal, Sports, Mużika, Baned', talab sabiex parti minn dawn il-fondi għall-attività bl-isem "A Swieqi Christmas" li se jtella' dan il-Kunsill bejn il-1 u 3 ta' Diċembru 2023.

26.8.20 Is-Sur Chircop spjega kif il-Kunsill jixtieq li parti minn dawn il-fondi jiġu wtilizzati għal żewġ attivitajiet li ġa ġew mtellgħa matul is-sjaf li għadda - Jum is-Swieqi - Ġieħ lil Niesna u Festa Madliena.

26.8.21 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

26.8.22 Il-President fakkar lill-membri kif id-dokumenti mitluba għal dawn il-proġetti għandhom jaslu sa mhux aktar tard nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 b'eċċezzjoni tal-kollaborazzjoni numru 4 fejn id-dokumenti għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2024. L-ebda talba ta' rifużjoni mhu ser tiġi milquha wara d-data ta' l-għeluq. Huwa ferm importanti li kulħadd iżomm mad-dati stipulati.

26.8.23 ***19:55pm – is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.***

- *Kalendarji tar-Reġjun għas-Sena 2024*

26.8.24 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġu stampati kalendarji sabiex jiġu mqassma 450 kopja lil kull Kunsill Lokali.

26.8.25 Hu żied jgħid kif min jixtieq jistampa aktar, ir-Reġjun ikun jistà jgħati l-*artwork* lill-Kunsill rispettiv sabiex jgħamel l-istampar hu.

26.8.26 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoniet mingħand Golden Gate ta' €4,055.04.

- *Proġett tal-VR Tours*

26.8.27 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fid-dettal ix-xogħol relatat ma' dan il-proġett li kien inbeda fi żmien il-Kunsill Reġjonali Ċentru fi żmien il-pandemija. Għal din ir-raġuni, is-Sa Galea resqet fuq il-mejda diversi kwotazzjonijiet relatati ma' dan il-proġett:

- Set-up of 360VR Cinema Event – MyEvent Planner- €9,357.40
- Website Development – Signit - €10,000
- Online Advertising Services – Marketlink Ltd - €9,971.00
- Media Content for Cinema Production – Gerald Agius Ordwar - €7,500
- Voiceovers, Translation, Riċerka – Mario Xuereb, €7,670.00

26.8.28 L-orħos kwotazzjonijiet imsemmija ġew approvati mill-membri preżenti.

26.8.29 Is-Sa Galea ressqet ukoll kwotazzjoni mingħand Spinning Photos.com li ser ikun qed jieħu ħsieb jiġbed dawn il-filmati li jonqoshom jiżdiedu ma dawk li kienu diġa saru fis-snin preċedenti. Is-Sa Galea spjegat kif il-kwotazzjoni hija dik €18,000 u biex jinżammu ma' l-istess format li saru l-filmati l-oħra, dan ir-Reġjun ser ikun qed jipproċedi ma' dan il-fornitur.

26.8.30 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet imressqa.

26.8.31 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet x'kien ġara fuq l-aġġornament li kellu jsir fuq il-Wikipedia.

26.8.32 Is-Sa Galea spjegat kif kemm-il darba kienet pruvat tagħmel kuntatt mal-persuna nkarigata u qatt ma kien hemm risposta. Għal din ir-raġuni ser tkun qed terġa tara x'kien l-aħħar żvilupp.

- *SEA-EU Football Tournament*

26.8.33 Il-President għamel referenza għal din it-tournament li qed jiġi organizzat minn dan il-Kunsill Lokali flimkien mar-Reġjun u ma' l-Università ta' Malta. Għal din ir-raġuni hu ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet miġbura:

- Roll-Up Banner – MediaTrendz - €572.15
- Photography Service – Roberto Runza - €200.00
- 3D Printing of Trophies – Invent 3D - €212.40
- Caterer – Catermax - €1,020.00

26.8.34 L-orħos kwotazzjonijiet ġew approvati mill-membri preżenti.

- *European Region of Sports 2023 - Closing Event*

26.8.35 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet li kien hemm bżonn għal dan l-avveniment u fakkar lill-membri f'dan l-avveniment li ser ikun qed jinżamm nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023.

- Stampar ta' l-Inviti – Impressions - €59.00
- 3D Trophies to all sports clubs and people involved - €2,000.00

26.8.36 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet.

- *SPI/SCI/10/2022 - Zvilupp ta' Latrini pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex*

26.8.37 Kif ġie stipulat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, jekk possibbli spejjeż addizzjonali bħall-periti, x-xogħolijiet tal-madum u l-pajpijiet huma kkunsidrati għal din l-iskema. Il-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara, Pembroke, Swieqi, Għargħur u Ħal Lija ddikjaraw il-kwantitajiet meħtieġa tagħhom għat-twettiq tax-xogħlijiet.

26.8.38 Minħabba li dawn il-kwantitajiet huma aktar milli oriġinarjament stipulat fil-BOQs, se nkunu qed inmexxuhom f'din il-laqgħa sabiex nikkonfermaw dawn il-kwantitajiet mill-ġdid.

26.8.39 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti fuq dan is-suġġett.

26.8.40 Dawn id-dokumenti mressqa ġew approvati mill-membri preżenti.

- *L-Ikla tal-Milied 2023*

26.8.41 Il-membri preżenti qablu sabiex l-ikla tinżamm nhar il-Ħamis 4 ta' Jannar 2024 peress li ma setgħatx tinstab data komuni fejn jistgħu l-maġġoranza.

- *Ftehim mal-PROs*

26.8.42 B'referenza għal dan il-ftehim, il-President spjega kif dan għadu ma hemmx qbil bejn ir-Reġjuni u l-PROs (Greenpak u GreenMT) fejn dan ir-Reġjun ġie nfurmat mis-Sur Natalino Attard dwar is-sitwazzjoni mal-PROs

26.8.43 Is-Sur Chircop spjega kif r-Reġjun qed iħallas għal kollezzjonijiet tar-riċiklaġġ pero għadu mhux qed jiġi rifondut lura mill-iskemi minħabba li dan il-ftehim għadu ma sarx.

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart*

26.8.44 Il-President informa lill-membri dwar il-problema li r-Reġjun għandu sabiex ikun hemm aċċess biex jara s-CCTV cameras tat-trakkijiet minħabba li qed mhux qed jitħalla aċċess bis-sistema mill-MITA.

26.8.45 Is-Sur Chircop spjega kif ir-Reġjun qed jobbliga lill-kuntrattur jieħu ħsieb li r-Reġjun kif ukoll il-Kunsilli Lokali ser ikunu qed jitħarġu fuq kif jużaw dan is-*software*.

26.8.46 Is-Sur Chircop spjega kif il-membri ser ikunu nfurmati malli din il-problema tiġi risolta.

## 26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

26.9.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 23A u 23B.

26.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 26.10 Mozzjonijiet

26.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 26.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2023.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv